KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sitta u Sittin (66)***

***It-Tnejn, 4 ta' Settembru, 2023***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa (il-Laqgħa bdiet fis-6pm)

**66.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

66.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra li se tintbagħat lill-Ministru dwar l-assenza tal-Kunsillier A.Gatt fil-Laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel mal-kontenut tal-ittra ppreżentata.

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

66.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 65 li nżammet nhar it-Tnejn, 7 t'Awwissu, 2023.

66.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 65 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

66.2.3 **Mozzjoni 66-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 65.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 65 ġew approvati unanimament.

**66.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 66(08) – Settembru 2023***

66.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 66(08) permezz cheque numru 7221 (ref. 10925) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10910 sa 10942 li jammontaw €19,045.98

66.4.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

66.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll il-pagament kuntrattwali għas-servizz tal-knis li għal din is-sena irċevejnihom dan ix-xahar. Għaldaqstant ġew imressqa l-pagament tas-servizz ta' Frar u Marzu 2023 li jammontaw għall-€5337.49

66.4.4 **Mozzjoni 66-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 66(08) bl-ammont ta' €19,045.98 kif ukoll dik imressqa f'materja 66.4.3

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 66(08) ġiet approvata unanimament.

**66.4 <u>Immaniġjar tat-Traffiku f'diversi toroq</u>**

*Din il-materja ġiet diskussa iktar tard matul il-laqgħa*

**66.5 <u>Korrispondenza</u>**

66.5.1 Tressqet korrispondenza rigward Laqgħa ta' Informazzjoni dwar il-proġett LC Care għas-sena li ġejja. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-proġett li konna applikajna għalih għadu ma ingħalaqx u l-fondi għadhom ma ingħatawx għaldaqstant f'dan l-istadju l-Kunsill qabel li ma japplikax għall-iskema li jmiss.

66.5.2 Tressqet korrispondenza rigward proposta għall-Charging Pillars fejn ġew identifikati 9 żoni oħra.
i) Triq il-Barbazzal: Il-Kunsill qabel
ii) Triq il-Gardell: Il-Kunsill ma qabilx minħabba li fiż-żona hemm problema kbira ta' nuqqas ta' parkeġġ
iii) Triq id-Dejl: Il-Kunsill qabel iżda li ssir in-naħa tal-ground minflok fejn kien hemm il-parkeġġi tal-GoTo.
iv) Triq il-Gistakor: Il-Kunsill qabel
v) Triq il-Hannieqa : Il-Kunsill qabel
vi) Bir id -Deheb : Il-Kunsill qabel
vii) Triq Birzebbuga : Il-Kunsill ma qabilx minħabba li dawk il-parrkeġġi jintużaw mir-residenti u hemm nuqqas.
viii) Triq Tal-Milleri : Il-Kunsill qabel
ix) Ta Loretu: Il-Kunsill qabel iżda li jsiru eqreb lejn it-Turretta fil-*vertical parkings.*

F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Kunsillier Keith Fenech (18:35)

66.5.3 Tressqet korrispondenza rigward 3 bins nieqsa minn dawk li ġibna għall-kunċert ta' Santa Marija. L-ispiża tammonta għal €92.04 Il-Kunsill qabel li għandhom jitħallsu.

66.5.4 Tressqet korrispondenza rigward inizzjattiva għal Europride week. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa billi jagħmel *zebra crossing* ikkulurita fi Triq id-Dejl għax-xahar ta' Settembru.

66.5.5 Tressqet korrispondenza rigward il-pagamenti ta' ġbir ta' skart għax-xahar ta' Mejju. Il-Kunsill qabel li jitħallas. Is-Sindku Darren Abela qal li waqt laqgħa tar-Reġjun ġie kjarifikat li l-kaxxi tal-kartun tar-residenti iridu jinġabru mill-kuntrattur.

66.5.6 Tressqet *invoice* għall-tarmak li sar fi Triq il-Ħmistax ta' Frar. Il-Kunsill qabel li titħallas.

66.5.7 Tressqet talba sabiex issir road hump fi Triq San Filippu kif tidħol mill-Bypass. Il-Kunsill ma jaqbilx li ssir, minħabba li jekk issir fil-bidu toħloq periklu għall-vetturi li jidħlu minn Dawret Ħal Għaxaq.

66.5.8 Tressqet korrispondenza mingħand il-Gal Xlokk rigward ħlas ta' sħubija fil-programm LEADER. Il-ħlas huwa ta' €1250 li jrid jitħallas sa Novembru 2023 filwaqt li l-istess ammont fl-2026. Il-Kunsill approva.

*F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jiddiskuti Materja Numru 66.4 fuq l-Agenda dwar l-Immaniġjar tat-Traffiku f'diversi toroq*

66.4.1 Tressqet korrispondenza minn Transport Malta dwar proposta ta' kif jista' jsir l-immaniġjar tat-toroq iż-żona ta' Triq il-Gudja u Triq San Filippu sabiex tissolva l-problema f'żoni fejn mhux possibbli jgħaddu vetturi kbar.

66.4.2 Il-proposta tindika li Triq il-Gudja kif ukoll Triq San Filippu isiru one-way. Il-Kunsill ma jaqbilx li Triq San Filippu tiġi one-way minħabba li din it-triq tintuża' ħafna mir-residenti bħala dħul. Il-Kunsill jibqa' jżomm il-pożizzjoni tiegħu li ma l-parkeġġi li tneħħew ma jerġgħux isiru minħabba li kif ġiet it-triq, tippermetti iktar li jgħaddu l-vetturi.

66.4.3 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li jekk din il-problema tkompli tippersisti, l-unika soluzzjoni li jara hi li jitneħħew il-parkeġġi li hemm fejn tidjieq it-triq.

66.4.4 Is-Sindku Darren Abela qal li sadanittant il-Kunsill għadu ma rċeviex tweġiba fuq it-trasport pubbliku u jekk għadux viabbli li Tal-linja tibqa' tgħaddi minn hemm. Is-Sindku sostna li din is-sitwazzjoni inħolqot minħabba sewwieq ta' vettura ta' Tal-Linja li kkawża ħsara fil-faċċata ta' resident.

66.4.5 Għaldaqstant, wara li saret diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta minn Transport Malta u se jinforma lill-TM li se jżomm l-istess pożizzjoni.

**66.6 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

66.6.1 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm kwistjoni dwar min se jagħmel is-sinjali tal-parkeġġi fi Triq l-1 ta' Jannar minħabba li wara li ġiet asfaltata, iż-żebgħa baqgħet qatt ma saret. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju, biex ma jkunx hemm iktar dewmien, dawn għandhom isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

66.6.2 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn niddeċiedu x'se nagħmlu fil-Halloween. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li ssir laqgħa mar-Reġjun sabiex naraw kif jistgħu jgħinuna finanzjarjament, filwaqt li l-Kunsill għandu jalloka *budget* ta' €5,000 sabiex din l-attivita' tkompli tikber.

66.6.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq proposta sabiex biċċa minn Triq Napuljun Caruana Dingli ssir minn IM bl-imprint. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jitkellem mal-Perita dwar dan minħabba li t-triq tintuża' mill-karozzi ukoll.

66.6.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex titwaħħal tabella tal- *hedgehogs* fi Triq Ta' Loretu. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

66.6.5 Is-Sindku Darren Abela informa l-Kunsill li inxtrat tifkira lill-Kappillan li kellna u ingħatat waqt il-quddiesa li saret nhar il-Ħadd. Huwa kompla billi qal li meta l-Kappillan il-ġdid jingħata l-pussess, il-Kunsill se jkun qiegħed jixtri ukoll xi tifkira biex tingħata.

66.6.6 Is-Sindku Darren Abela qal li għandu talba sabiex il-ħaddiem li jagħti s-servizz tiegħu lill-Kunsill jiġi trasferit bħala ħaddiem mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tintbagħat it-talba.

66.6.7 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li irċevejna multa ta' €1025 minħabba li waqt ix-xogħlijiet tal-bandli il-kuntrattur kien ċaqlaq siġra u nżergħet f'post ieħor u minħabba l-urġenza tax-xogħlijiet, ma kienu saru l-permessi kollha neċessarji mal-ERA. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li fir-rigward għandu jħallas l-imsemmija multa.

66.6.8 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn isir tindif fl-għalqa ta' wara l-ground tan-nursery. Għaldaqstant qal li se jġib stima biex isir dan it-tindif.

66.6.9 Is-Sindku Darren Abela qal li irċieva kont ta' 3imwejjed u 8 siġġijiet li nstabu nieqsa waqt il-kunċert li sar ta' Santa Marija. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jħallas ta' dawn kollha minħabba li d-diskors li sar ġranet wara l-attivita', issemmew biss 2 imwejjed. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jekk se jħallas, iħallas biss ta' żewġ imwejjed.

66.6.10 Is-Sindku Darren Abela qal li il-ġimgħa l-oħra instab imkisser il-katnazz li jagħlaq il-kamra ta' Santu Rokku fejn il-Kunsill għandu l-meter tad-dawl. Il-Kunsill qabel li dawn l-abbużi ma jistgħux jiġu tollerati u għaldaqstant qabel li jagħmel kaxxa tissakkar biex il-meter jingħalaq fiha u jibdel il-katnazz tal-kamra. Apparti dan, il-kamra għandha titnaddaf u jitneħħa kull ħaġa li mhix tal-Kunsill.

**66.7 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

66.7.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bżonn jiġu rifriskati id-*double yellow lines* li saru fi Triq San Fillippu.

66.7.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li fi Triq Tal-Qattus hemm biċċa mudlama, għaldaqstant ipproponiet li jsir arblu tad-dawl.

66.7.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli ressqet proposta sabiex Triq Tal-Qattus tiġi one way. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel fil-prinċipju iżda trid issir iktar diskussjoni dwar liema direzzjoni għandha tiġi.

66.7.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwar meta se jitneħħew il-parking bays fid-daħla ta' Vjal il-Labour. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jitneħħa l-parkeġġ ta' faċċata tal-ħanut.

**66.8 Mozzjonijiet**

66.8.1 Annessi mal-Minuti

**66.9 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

66.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 2 t'Ottubru 2023 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-9:00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 66**

**Mozzjoni Ref:** 66-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 65

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 4 ta' Settembru 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 66**

**Mozzjoni Ref:** 66-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 66-08

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 4 ta’ Settembru 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**